



Brussell, 7 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11420/23

ENER 425
COLAC 79

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------|---|
| minn: | Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Memorandum ta' qbil bejn I-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina dwar kooperazzjoni relatata mal-enerġija - Awtorizzazzjoni biex jiġi ffirmat strument mhux vinkolanti |

- Fit-18 ta' April 2023, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija bl-intenzjoni tagħha li tinneozja Memorandum ta' Qbil dwar kooperazzjoni relatata mal-enerġija mar-Repubblika Arġentina, bil-ħsieb li jiġi ffirmat, fisem l-UE, qabel is-Summit UE-CELAC f'Lulju 2023¹.
- Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija ddiskuta l-aproċċe propost mill-Kummissjoni, bil-fehim li l-Kummissjoni ser tinforma lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-progress fin-negożjati mar-Repubblika Arġentina u ser terġa' lura għand il-Kunsill fi tmiem il-proċess tan-negożjati biex titlob l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għall-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil fisem l-UE.

¹ WK 4324/23.

3. Fit-12 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja dan il-Memorandum ta' Kooperazzjoni fisem l-UE (ST 8347/23).
4. Fis-6 ta' Lulju 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija ddiskuta t-test tal-Memorandum li jinsab fid-dokument ST 11188/23. Kien hemm xi proposti addizzjonali ta' abbozzar għat-test. Għalhekk, it-test ġie rivedut u l-verżjoni finali ġiet ippreżentata lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija għal konsultazzjoni informali bil-miktub. Matul il-konsultazzjoni, id-delegazzjonijiet ma qajmu l-ebda kumment addizzjonali. It-test finali jinsab fid-dokument ST 11635/23.
5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina, kif jinsab fid-dokument ST 11635/23;
 - jistieden lill-Kunsill biex jawtorizza l-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u l-Arġentina, kif jinsab fid-dokument ST 11635/23, soġġett għal aġġustamenti żgħar possibbli bħala riżultat tan-negozjati mas-sħab rilevanti, iżda mingħajr bidliet fis-sustanza.